**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta 20 ta' Ottubru, 2015**

**Kawża Numru 4 (Kost.)**
**Rik. Nru. 2/07JRM**

Rosalie **DARMANIN**

vs

**IL-PRIM MINISTRU**, il-Ministru għall-Ġustizzja u Intern, is-Segretarju Parlamentari fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Ministru għas-Sigurta' Soċjali

**Il-Qorti:**

Reġgħet rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Jannar, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-Istat Malti fil-konfront tagħha u ta' persuni li jinsabu f'qagħda bħal tagħha, liema aġir min-naħa tal-Istat Malti għadu hekk sal-lum, jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, in partikolari tal-artikoli 32 u 45(3) tagħha, tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll tal-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; talbet ukoll li din il-Qorti ssib li l-Istat Malti mhuwiex joffrilha u lil persuni oħra li jinsabu fl-istess qagħda tagħha rimedju nazzjonali effettiv u dan bi ksur tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;  talbet ukoll li din il-Qorti tordna li

hija tingħata kumpens għad-danni morali li ġarrbet minħabba l-aġir imsemmi u biex il-Qorti tagħti kwalunkwe provvediment li tħoss meħtieġ;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2007, li bih appuntat il-kawża għas-smigħ għat-22 ta' Jannar, 2007;

Rat it-Tweġiba "preliminari" mressqa mill-intimati fit-22 ta' Jannar, 2007, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li, safejn il-każ imressaq minnha jirreferi għall-mod kif il-Qrati Maltin jinterpretaw il-liġi, mhumiex il-kontraditturi leġittimi għaliex ħadd minnhom ma jwieġeb għall-mod kif il-Qrati jaqtgħu l-kawżi fi kwestjonijiet bħal tar-rikorrenti; talbu wkoll it-tneħħija tad-dokumenti mehmuża mar-rikors promotur għaliex ma għandhom l-ebda rilevanza għall-każ; qalu wkoll li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li tressaq il-kawża; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali billi r-rikorrenti naqset li tieħu rimedji ordinarji qabel ma fetħet din il-kawża, u għalhekk ukoll it-talba tagħha tressqet qabel waqtha; laqgħu ukoll billi talbu s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna li l-interessi tagħha jistgħu jitlaqtu b'din il-kawża; u, fil-mertu, billi qalu li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex ma seħħ il-ksur tal-ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fit-8 ta' Frar, 2007[1], li biha riedet tiċċara n-natura u l-parametri tal-ilmenti tagħha u kif ukoll dwar aspetti proċedurali marbuta mal-azzjoni mibdija minnha;

Rat is-sentenza preliminari tagħha tat-18 ta' April, 2007[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmijin, ċaħdet it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati u sabet li r-rikorrenti għandha l-interess ġuridiku li tmexxi 'l quddiem din il-kawża u li l-Qorti għandha twettaq is-setgħat tagħha li tisma' u taqta' l-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2007[3], li bih awtorizżat lill-intimati biex iressqu Tweġiba Ulterjuri u stiednet lill-partijiet biex, b'nota, isemmu liema huma dawk il-fatti rilevanti għall-każ li dwarhom hemm qbil bejniethom;

Rat it-Tweġiba Ulterjuri mressqa mill-intimati fit-2 ta' Awwissu, 2007, li biha huma laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li dwaru r-rikorrenti qiegħda tressaq wieħed mill-ilmenti tagħha ma jħares l-ebda jedd fundamentali partikolari. Dwar l-ilment ta'

---

[1] Paġġ. 49 sa 51 tal-proċess
[2] Paġġ. 55 sa 68 tal-proċess
[3] Paġ. 82 tal-proċess

ksur taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, qalu li l-każ tar-rikorrenti ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-irjus tal-imsemmi artikolu u lanqas f'dak li jirrigwarda l-ilment tagħha ta' ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Meta qiesu l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, qalu li r-rikorrenti kienet qiegħda ssejjes l-ilment fuq relazzjoni personali li ntemmet sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, u billi mkien ma ssemmi li kien hemm xi ndħil fuq il-ħajja privata jew tal-familja tagħha minħabba dik ir-relazzjoni. Żiedu jgħidu li l-artikolu 8 msemmi ma jgħoddx għall-każ lanqas, minħabba li ċ-ċirkostanzi msemmija mir-rikorrenti ma kinux iwasslu għall-eżistenza ta' "familja" kif mifhuma f'dak l-artikolu, ladarba l-liġi tagħna ma tagħrafx dik ir-relazzjoni. Minbarra f'hekk, ma seħħ l-ebda nuqqas ta' rispett u wisq anqas indħil mill-Istat fil-ħajja personali tar-rikorrenti li għalihom għandu jwieġeb l-Istat Malti. Ir-'rispett' għall-ħajja familjari fl-imsemmija Konvenzjoni ma jissarrafx f'jedd innifsu għal ħajja familjari, u f'kull każ, ukoll kieku seta' jirriżulta xi ksur ta' xi jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni, l-artikolu 8(2) jipprovdi li kull Stat għandu jaġixxi biex "jipproteġi l-morali fis-soċjeta'". Jilqgħu billi jgħidu li l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għall-każ, għallanqas qabel ma jintwera li seħħ xi ksur ta' xi jedd imħares mill-istess Konvenzjoni. Temmew jgħidu li kull riferenza magħmula mir-rikorrenti fir-rikors promotur għal xi Karta, Dikjarazzjoni jew Riżoluzzjoni maħruġa minn xi enti internazzjonali ma jorbtux lill-Gvern u ma joħolqu l-ebda rabta fuqu;

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Novembru, 2011[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat li l-ebda parti ma ressqet is-sottomissjonijiet tagħha u l-kawża kienet qiegħda titħalla biex ir-rikorrenti tirregola ruħha dwar l-interess tagħha fil-kawża fid-dawl ta' xi żviluppi leġislativi li kienu maħsuba li jseħħu;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' April, 2013[5], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ottubru, 2013[6], li biha reġgħet qiegħdet il-kawża fuq il-lista tas-smigħ, fuq talba magħmula mir-rikorrenti b'rikors tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2013;

[4] Paġ. 234 tal-proċess
[5] Paġġ. 239 tal-proċess
[6] Paġ. 251 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fil-21 ta' Ottubru, 2013[7];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fl-24 ta' Jannar, 2014[8], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali. Bl-azzjoni tagħha, ir-rikorrenti qiegħda tilmenta li l-Istat Malti naqas u għadu qiegħed jonqos li jħares l-interessi tagħha billi naqas li jilleġisla dwar persuni li jgħixu flimkien 'il barra mir-rabta taż-żwieġ. Hija tgħid li dan in-nuqqas jissarraf fi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha għar-rispett għall-ħajja privata u familjari tagħha skond l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' r-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni"), u l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"). Minbarra dan, hija żżid tgħid li l-imsemmi nuqqas iwassal biex, f'għajnejn il-liġi, isseħħ diskriminazzjoni bejn koppji miżżewġa u koppji li jgħixu flimkien barra ż-żwieġ, u dan bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Għalhekk, qiegħda titlob li tingħata wkoll kumpens morali għall-ħsara li ġarrbet minħabba f'hekk, minbarra "kwalunkwe provvediment" ieħor li jista' jkun meħtieġ;

Illi l-intimati jilqgħu għal din l-azzjoni billi jgħidu li, safejn il-każ imressaq minnha jirreferi għall-mod kif il-Qrati Maltin jinterpretaw il-liġi, mhumiex il-kontradditturi leġittimi għaliex ħadd minnhom ma jwieġeb għall-mod kif il-Qrati jaqtgħu l-kawżi fi kwestjonijiet bħal tar-rikorrenti; jitolbu wkoll it-tneħħija tad-dokumenti mehmuża mar-rikors promotur għaliex ma għandhom l-ebda rilevanza għall-każ; jgħidu wkoll li jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li tressaq il-kawża; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha kostituzzjonali billi r-rikorrenti naqset li tieħu rimedji ordinarji qabel ma fetħet din il-kawża, u għalhekk ukoll it-talba tagħha tressqet qabel waqtha; jilqgħu wkoll billi jitolbu s-sejħa fil-kawża ta' terza persuna li l-interessi tagħha jistgħu jitlaqtu b'din il-kawża; u, fil-

[7] Paġġ. 244 – 9 tal-proċess
[8] Paġġ. 256 sa 267 tal-proċess

mertu, billi jisħqu li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex ma seħħx il-ksur tal-ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti;

Illi b'sentenza preliminari mogħtija fit-18 ta' April, 2007, din il-Qorti ċaħdet tnejn mill-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari u sabet li l-attriċi kellha l-interess ġuridiku li tressaq din il-kawża u kif ukoll li l-Qorti kellha twettaq is-setgħat 'kostituzzjonali' tagħha biex tisma' u taqta' l-kawża;

Illi wara l-għoti tal-imsemmija sentenza, l-intimati talbu u ngħataw il-fakulta' li jressqu Tweġiba ulterjuri. Bis-saħħa tagħha, huma laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni li dwaru r-rikorrenti tressaq wieħed mill-ilmenti tagħha ma jħares l-ebda jedd fundamentali partikolari. Dwar l-ilment ta' ksur taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, qalu li l-każ tar-rikorrenti ma jaqa' taħt l-ebda waħda mill-irjus tal-imsemmi artikolu u lanqas f'dak li jirrigwarda l-ilment tagħha ta' ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Meta qiesu l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, qalu li r-rikorrenti kienet qiegħda ssejjes l-ilment fuq relazzjoni personali li ntemmet sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, u billi mkien ma ssemmi li kien hemm xi ndħil fuq il-ħajja privata jew tal-familja tagħha minħabba dik ir-relazzjoni. Żiedu jgħidu li l-artikolu 8 msemmi ma jgħoddx għall-każ lanqas, minħabba li ċ-ċirkostanzi msemmija mir-rikorrenti ma kinux iwasslu għall-eżistenza ta' "familja" kif mifhuma f'dak l-artikolu, ladarba l-liġi tagħna ma tagħrafx dik ir-relazzjoni. Minbarra f'hekk, ma seħħ l-ebda nuqqas ta' rispett u wisq anqas indħil mill-Istat fil-ħajja personali tar-rikorrenti li għalihom għandu jwieġeb l-Istat Malti. Ir-'rispett' għall-ħajja familjari fl-imsemmija Konvenzjoni ma jissarrafx f'jedd innifsu għal ħajja familjari, u f'kull każ, ukoll kieku seta' jirriżulta xi ksur ta' xi jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni, l-artikolu 8(2) jipprovdi li kull Stat għandu jaġixxi biex "jipproteġi l-morali fis-soċjeta'". Jilqgħu billi jgħidu li l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għall-każ, għallanqas qabel ma jintwera li seħħ xi ksur ta' xi jedd imħares mill-istess Konvenzjoni. Temmew jgħidu li kull riferenza magħmula mir-rikorrenti fir-rikors promotur għal xi Karta, Dikjarazzjoni jew Riżoluzzjoni maħruġa minn xi enti internazzjonali ma jorbtux lill-Gvern u ma joħolqu l-ebda rabta fuqu;

Illi mill-provi tal-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti kienet iżżewġet waqt li kienet taħdem f'uffiċċju ta' avukati. Sa minn qabel iż-żwieġ, hija tgħid li wieħed mill-avukati kien xeħet għajnejh fuqha, imma hija xorta waħda ma tatux wiċċ[9]. Wara ż-żwieġ, hija baqgħet taħdem fl-istess uffiċċju legali u l-imsemmi avukat kien baqa'

---

[9] Xhieda tagħha 12.6.2007 f'paġ. 70 tal-proċess

jagħmlilha l-kumplimenti minkejja li huwa wkoll kien iżżewweġ. Miż-żwieġ tagħha r-rikorrenti kellha żewġt itfal. Iżda ż-żwieġ ma rnexxiex, tant li hi u żewġha nfirdu bil-Qorti. Aktar 'il quddiem, ir-rikorrenti bdiet proċeduri fit-Tribunal Ekkleżjastiku għad-dikjarazzjoni tan-nullita' tal-istess żwieġ, liema proċeduri wasslu għal deċiżjoni li sabet li l-istess żwieġ kien null;

Illi malli r-rikorrenti nfirdet minn ma' żewġha, ntalbet mill-avukat biex tmur tgħix miegħu, għaliex iż-żwieġ tiegħu wkoll ma kienx irnexxa, għalkemm minn dak iż-żwieġ kellu tifel. Hija marret tgħix flimkien ma' wliedha f'dar f'Tas-Sliema li pprovdihielha l-avukat. L-avukat daħal jgħix magħhom fl-istess fond wara xi żmien[10] u miegħu ħa 'l ibnu[11]. Ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u dan ir-raġel ħadet xejra "serja u intima" tant li huma bdew jgħixu flimkien taħt saqaf wieħed[12] bħala familja[13]. Matul dak iż-żmien, ir-rikorrenti tgħid li ħarġet tqila, imma korriet u kienet daħlet fi sptar privat biex tagħmel intervent ta' raxkament[14]. Ir-rikorrenti tgħid li kienu għamlu l-ħsieb li jiżżewġu hekk kif hu jikseb l-annullament taż-żwieġ tiegħu;

Illi wara żmien li kienu ilhom fir-relazzjoni, ir-rikorrenti saret taf li l-avukat ma kienx mexxa 'l quddiem it-talba għad-dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ tiegħu quddiem it-tribunal kompetenti u minħabba f'hekk il-ħsieb li jiżżewġu baqa' ma seħħx;

Illi matul iż-żmien li damu f'relazzjoni, kienet inkisbet proprjeta' immobbli oħra u kien isir infieq sostanzjali ieħor f'safar u negozju. Sadattant, ir-rikorrenti kienet bdiet negozju ta' ħjata ta' lbiesi u fetħet ħanut ('*boutique*') li għamel żmien irnexxa ħafna, imma matul ir-relazzjoni mal-avukat telqitu bil-mod il-mod. Damu jgħixu flimkien għal madwar ħdax-il (11) sena, meta l-avukat telaqha f'Lulju tal-2003, wara li nqalgħu problemi bejniethom, u hu spiċċa telaq mid-dar[15]. Ir-rikorrenti baqgħet tgħix fid-dar li fiha għexet tul ir-relazzjoni;

Illi matul l-2004, kontra r-rikorrenti nfetħu żewġ kawżi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Waħda nfetħet minn sid id-dar[16] b'talba għat-tneħħija tar-rikorrenti (u binha) mill-istess dar, u l-oħra nfetħet mill-avukat[17] li miegħu kienet għamlet żmien tgħix b'talba għar-radd lura ta' ħwejjeġ personali tiegħu li hija żammet bla jedd;

[10] Xhieda ta' Nicholas Aġius Darmanin 6.2.2008 f'paġġ. 109 – 112 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Antoinette Attard 15.4.2008, f'paġ. 152 tal-proċess
[12] Xhieda tar-rikorrenti, f'paġ. 72 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Chris Aġius Darmanin 6.2.2008, f'paġġ. 136 – 7 tal-proċess
[14] Dok "MB1", f'paġġ. 200 sa 210 tal-proċess
[15] Xhieda tagħha *ibid.* f'paġġ. 77 – 9 tal-proċess
[16] Ċitazz. Nru. 821/04AF (maqtugħa fit-22.1.2015 u appellata)
[17] Ċitazz. Nru. 850/04AF (maqtugħa fit-22.1.2015 u appellata)

Illi r-rikorrenti fetħet din il-kawża f'Jannar tal-2007;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jolqtu dan il-każ, il-Qorti tara li l-qofol tal-kwestjoni kollha tinġabar fuq il-qagħda ta' persuna li tkun daħlet f'relazzjoni ma' ħaddieħor mhux f'rabta ta' żwieġ u l-effetti fuqha meta dik ir-relazzjoni tintemm. Ir-rikorrenti tgħid li ġarrbet u għadha ġġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha għaliex l-Istat Malti ma jipprovdix b'liġi għal rimedju favur persuni li, bħalha, jaslu f'din il-qagħda wara li tintemm rabta barra miż-żwieġ, ukoll jekk tkun rabta li damet is-snin. Hija ssejjes l-ilment tagħha fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 32 u 45(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 8, 13 u 14 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tara li għandha tippreċiża li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda n-nuqqas ta' regolamentazzjoni b'liġi fil-każ fejn relazzjoni bejn konkubini tintemm, bħalma l-liġi tirregola t-temm ta' relazzjoni mnissla minn rabta taż-żwieġ. L-azzjoni attriċi ma tilmentax mill-fatt li l-liġi ta' Malta ma tirregolax it-twaqqif jew ir-reġistrazzjoni ta' relazzjoni konkubinali u r-rabtiet u l-jeddijiet li joħorġu minn reġistrazzjoni bħal dik. Għalhekk l-ilment tar-rikorrenti sejjer jitqies biss kif tressaq quddiem din il-Qorti;

Illi jibda biex jingħad li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jippreskrivix minnu nnifsu xi jedd li l-ksur tiegħu jikkostitwixxi ksur ta' jedd fundamentali. Dak l-artikolu huwa ġabra b'dikjarazzjoni ta' liema huma d-drittijiet fundamentali tal-bniedem sostantivi li l-istess Kostituzzjoni tħares fl-artikoli l-oħrajn ta' dak il-Kapitolu. Kemm hu hekk, l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jirreferi espressament għall-artikoli li jiġu wara l-artikolu 32 u lil dak l-artikolu ma jsemmihx. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mal-intimati meta jgħidu li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tiswiex safejn mibnija fuq l-imsemmi artikolu[18]. Min-naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħha, ir-rikorrenti ma reġgħet semmiet qatt dan l-artikolu u wisq anqas insistiet fuqu;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-jedd tal-ħajja privata u tal-familja**, jidher li, f'dan il-każ, din trid titqies taħt il-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti tisħaq ħafna dwar iċ-ċirkostanzi tar-relazzjoni li hija kellha ma' persuna oħra għal tul ta' snin. Hija tgħid li l-ħajja li qattgħet ma' dik il-persuna kienet waħda "indistingwibbli miż-żwieġ" u ħafna mill-provi mressqa minnha kienu maħsuba tabilħaqq biex juru li din kienet tassew familja tal-fatt. Ir-rikorrenti għamlet sforz qawwi wkoll biex turi li r-relazzjoni kienet maħsuba li, meta ċ-ċirkostanzi jippermettu, hi u r-raġel li marret tgħix

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 258 – 9 tal-proċess

miegħu jiżżewġu. Hija tilmenta mill-fatt li "l-familja vera u proprja li kienet teżisti" bejnha u l-avukat "f'għajn il-liġi preżenti, mhux talli ma tatratta (*sic*) l-ebda protezzjoni, talli hija kważi kważi mistmerra. Hija din is-sitwazzjoni li toħloq lok għal approfittar u preferenza tal-parti aktar b'saħħitha fir-relazzjoni għall-koabitazzjoni għaliex biha (u kif spiss jinstema' jingħad minn ħafna nies) 'm'hemmx rabta' "[19]. Ir-rikorrenti tqis li n-nuqqas ta' ħarsien tal-'kappa tal-liġi' min-naħa tal-Istat Malti jmur kontra d-direzzjoni rakkomandata mill-Konvenzjoni u l-Qorti ta' Strasburgu u kif ukoll ta' diversi riżoluzzjonijiet, trattati u dikjarazzjonijiet tal-Unjoni Ewropeja;

Illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jgħid: "*(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

"*(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet jew libertajiet ta' ħaddieħor*";

Illi l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha ma joħroġx minn xi għemil jew indħil tal-Istat fir-rigward tal-għażla ta' relazzjoni li għoġobha tidħol fiha, imma minħabba li l-Istat Malti naqas li jilleġisla (hija ssejjaħlu "in-nuqqas arkajku"[20]) biex persuni li jsibu rwieħhom fl-istess qagħda tagħha jkollhom ħarsien xieraq fir-rigward tal-interessi patrimonjali tagħhom meta tintemm relazzjoni bħal dik;

Illi jidher li l-ilment tar-rikorrenti jintrabat kemm mal-aspett tal-ħarsien tar-rispett għall-ħajja privata u kif ukoll mal-ħarsien tar-rispett għall-ħajja tal-familja tagħha. F'dan ir-rigward, l-intimati jargumentaw li r-rikorrenti fittxet ir-rimedju ta' din il-kawża sewwasew meta r-relazzjoni li hija tqis li kienet waħda tal-familja tagħha kienet intemmet u għalhekk met ma kienx għad fadal 'familja' x'tipproteġi;

Illi tajjeb li jingħad li "ħajja privata" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għandha tifsira wiesgħa li tgħodd fiha l-aspetti tal-ħajja fiżika u soċjali tal-persuna. Minbarra dan, ladarba l-istess artikolu hu maħsub li jħares il-jedd għall-ħajja tal-familja, hu mistenni li tintwera l-eżistenza tal-familja fiċ-

[19] Nota ta' Sottomissjonijiet §5 f'paġ. 245 tal-proċess
[20] §8 f'paġ. 247 tal-proċess

ċirkostanzi li jqajmu l-ilment u li din iċ-ċirkostanza hija waħda ta' fatt[21]. Madankollu, għall-finijiet tal-istess artikolu, b''familja' wieħed ma jifhimx biss familja mnissla b'rabta ta' żwieġ, imma wkoll familji ta' fatt li jgħixu flimkien barra ż-żwieġ[22] u wkoll fejn ir-relazzjoni tkun bejn persuni tal-istess ġeneru[23], jew fejn ir-relazzjoni saħansitra ma tkunx waħda ta' koabitazzjoni[24]. Jingħad ukoll li l-firxa tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni tgħodd ukoll dwar relazzjonijiet jew rabtiet ta' 'famlja' li għad iridu jew potenzjalment jistgħu jiżviluppaw bejn il-persuni involuti (ġeneralment rabtiet bejn ulied u ġenituri)[25];

Illi b'żieda ma' dan kollu, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, 'ħajja tal-familja' ma taħsibx biss f'rabtiet soċjali, morali u kulturali, imma tgħodd fiha interessi ta' xeħta materjali jew partimonjali bħalma huma kwestjonijiet ta' manteniment jew qsim tal-ġid miġmugħ ukoll jekk dan isir mal-mewt ta' waħda mill-partijiet. Għaliex għalkemm kwestjonijiet bħal dawn "*are not normally exercised until the estate-owner's death, that is at time when family life undergoes a changeor even comes to an end, this does not mean that no issueconcerning such rights may arise before the death: the distribution of the estate may be settled, and in practice fairly often is settled, by the making of a will or of a gift on account of a future inheritance; it therefore represents a feature of family life that cannot be disregarded*"[26];

Illi fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti ssib li ċ-ċirkostanzi tar-rikorrenti jiġbdu fuqhom it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni u jxejnu l-argument tal-intimati li l-azzjoni attriċi ma tgħoddx minħabba li tirreferi għal sitwazzjoni fejn ir-relazzjoni konkubinali kienet intemmet;

Illi ladarba ċirkostanza ta' ħajjet persuna tilħaq l-għanijiet tal-artikolu 8, imbagħad jaqa' fuq l-Istat l-obbligu tal-ħarsien. Dan il-ħarsien jitlob il-ħtieġa tal-legalita' (jiġifieri l-għemil ta' liġijiet xierqa) u ż-żamma tal-proporzjonalita' u l-għoti ta' ħarsien minn abbuż. Huwa stabilit li "*Lack of statutory regulation or provision of adequate protection for the individual has thus in a number of cases disclosed a violation of Art. 8. .. .. A Contracting State must not only restrict its own interferences to what is compatible with Art. 8, which provides a primarily negative undertaking, but may also be required to take steps to secure respect for its rights, whether through the protection of domestic law or more specific*

[21] Q.E.D.B. (GC) **2.11.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Serife Yigit vs Turkija*** (Applik. Nru. 3976/05) §93
[22] Q.E.D.B. **26.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Keegan vs Irlanda*** (Applik. Nru. 16969/90) §44
[23] Q.E.D.B. **24.6.2010**fil-kawża fl-ismijiet ***Schalk & Kopf vs Awstrija*** (Applik. Nru. 30141/04) § 94
[24] Q.E.D.B. (GC) **7.11.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Vallianatos et vs Greċja*** (Applik. Nru. 29381/09) §73
[25] Q.E.D.B. **11.10.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġenovese vs Malta*** (Applik. Nru. 53124/09) §29
[26] Q.E.D.B. **22.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Merger & Cros vs Franza*** (Applik. Nru. 68864/01) §46

*measures. The extent to which a State may be under such a positive obligation will vary with the differing situations obtaining in Contracting States which enjoy in this respect a wide margin of appreciation in determining the steps to be taken to ensure compliance with the Convention having regards to the needs and resources of the community and individuals*"[27];

Illi ġie stabilit li "*positive obligations inherent in Article 8 may involve the adoption of measures designed to secure respect for private life even in the sphere of the relations of individuals between themselves*"[28];

Illi għalhekk, ladarba huwa aċċettat li, għall-finijiet tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni, jistgħu jitqiesu li jgħoddu għall-każ imqajjem mir-rikorrenti, l-Qorti trid tara jekk kemm-il darba n-nuqqas min-naħa tal-Istat Malti li jagħmel liġi biex tirregola l-effetti tal-ħall ta' rabta konkubinali jġibx 'indħil' f'ħajjet ir-rikorrenti u min ikun bħalha. Hawnhekk ta' min jgħid ukoll li l-fatt waħdu li jeżisti tali ndħil mhuwiex raġuni ta' ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 8, għaliex it-tieni paragrafu ta' dak l-artikolu nnifsu jagħmel eċċezzjonijiet dwar meta tali ndħil ma jitqiesx bi ksur tal-jedd għall-ħajja privata jew tal-familja ta' dak li jkun. Dan jgħodd ukoll fejn, kif diġa' ngħad qabel, huwa stabilit li l-artikolu 8 jitfa' fuq l-Istat id-dmir ta' azzjoni pożittiva li jara li biex tabilħaqq ikun hemm ħarsien tal-jedd maħsub fl-artikolu 8 jinħalqu mezzi fejjieda biex dak il-ħarsien jitwettaq[29];

Illi biex indħil bħal dak ikun "skond il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għamil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru[30]. Fuq kollox, biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjeta' demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq[31] u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt[32]. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet[33], bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat

---

[27] K. Reid <u>*A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*</u> (3rd Edit, 2009) §§ IIB – 318, 319, f'paġ 485
[28] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit, 2006), § 12.7.1, f'paġ. 739
[29] Ara b'eżempju tajjeb Q.E.D.B. **12.7.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Moldovan vs Rumanija*** (Applik. Nru. 64320/01 §§ 93 – 8
[30] Q.E.D.B. **24,3.1988** fil-każ ***Olsson vs Svezja (Nru. 1)*** (Applik. Nru. 10465/83) § 62
[31] Q.E.D.B. **24.11.1986** fil-każ ***Gillow vs Renju Unit*** (Applik.Nru. 9063/80) §55
[32] Q.E.D.B. **26.3.1987** fil-każ ***Leander vs Svezja*** (Applik. Nru. 9248/81) §58
[33] Harris, O'Boyle & Warbrick <u>*Law of the European Convention on Human Rights*</u> (1995) f'paġ. 321

ma' dawk l-għanijiet. Kif ingħad "*In determining whether the interference was "necessary in a democratic society", the Court refers to the principles established in its case-law. It has to consider whether, in the light of the case as a whole, the reasons adduced to justify that interference were relevant and sufficient for the purposes of paragraph 2 of Article 8 (see, inter alia,* ***T.P. and K.M. v. the United Kingdom*** *[GC], no.28945/9,§ 70, ECHR 2001-V, and* ***Sommerfeld v. Germany*** *[GC], no.31871/96, § 62, ECHR 2003-VIII.*"[34];

Illi huwa stabilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalita' taħt il-Konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.*"[35];

Illi għal dak li jirrigwarda l-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħareġ mill-provi li ma kien hemm l-ebda ndħil min-naħa tal-Istat Malti u la fl-għażla tar-rikorrenti li tibda r-relazzjoni konkubinali ma' persuna oħra u lanqas matul iż-żmien li huma kienu f'dik ir-relazzjoni. Huwa minnu li hija tisħaq li l-għan tagħha kien li 'tirregolarizża' dik ir-relazzjoni billi tiżżewweġ lill-persuna li marret tgħix magħha hekk kif din iġġib l-annullament taż-żwieġ tagħha. Min-naħa tagħha, ż-żwieġ tagħha kien ġie annullat u ma kellha l-ebda impediment li tidħol f'relazzjoni ta' żwieġ ma' ħaddieħor li kieku sabet persuna li kienet lesta tintrabat magħha f'rabta taż-żwieġ. Lanqas ma jista' jingħad li kellha ndħil mill-Istat biex ittemm ir-relazzjoni konkubinali li daħlet għaliha, u fil-fatt jidher li ma kenitx hi li temmitha imma l-persuna l-oħra f'dik ir-relazzjoni;

Illi huwa minnu li fis-sistema ġuridiku Malti ma hawn l-ebda liġi li tirregola b'mod speċifiku r-relazzjonijiet konkubinali jew *more uxorio*, partikolarment fejn xi waħda jew iż-żewġ partijiet ikunu għadhom marbuta b'rabta ta' żwieġ ma' ħaddieħor. Minkejja li l-leġislatur għamel liġi speċjali li tħares l-unjonijiet ċivili[36], din ma tgħoddx għal rabtiet bħalma kienet ir-relazzjoni tar-rikorrenti u l-persuna li għexet magħha. Għalhekk, ir-rikorrenti ma setgħetx tinqeda bl-effetti ta' unjoni bħal dik fi tmiem ir-relazzjoni tagħha, apparti li fil-każ tagħha r-relazzjoni kienet ilha li ntemmet żmien twil qabel daħlet fis-seħħ l-imsemmija liġi. Lanqas ma hawn mod kif issir ir-reġistrazzjoni ta' relazzjonijiet bħal dik li kellha r-

[34] Q.E.D.B. **18.2.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***A.L. vs Polonja*** (Applik. Nru. 28609/08) § 65
[35] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*op. cit.*</u> (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3
[36] Att IX tal-2014 dwar l-Unjonijiet Ċivili (Kap 530)

rikorrenti. Madankollu, ma jistax jingħad lanqas li l-liġi hija għal kollox sajma biex tħares jew tirregola l-effetti – wkoll patrimonjali – ta' persuni f'relazzjoni konkubinali mat-tmiem tagħha. Dan jingħad l-aktar fid-dawl tal-fatt li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, il-Qrati Maltin m'għadhomx iqisu relazzjoni bħal dik bħala waħda li tmur kontra l-morali jew l-ordni pubbliku. Għalhekk, ma hemm xejn x'iżomm lil persuni li jkunu deħlin jew ikunu jinsabu f'relazzjoni bħal din li jagħmlu bejniethom patti jew ftehim dwar aspetti tat-tmexxija jew il-qsim ta' ġid magħmul minnhom matul dik ir-relazzjoni, liema ftehim ikunu wkoll eżegwibbli taħt il-liġi. Dan jgħodd ukoll fil-każ ta' ftehim li jkun jirrigwarda x'jiġri wara li r-relazzjoni tintemm;

Illi, mbagħad, f'każijiet bħalma hu dak tar-rikorrenti, tqies li l-Istat ma għandu l-ebda obbligazzjoni jew rabta li jagħti lil persuni f'relazzjoni konkubinali jew *more uxorio* l-istess ħarsien mogħti lil persuni f'rabta ta' żwieġ bla ma b'daqshekk ikun naqas milli jwettaq ir-rabta li 'jirrispetta' l-ħajja privata u tal-familja tal-istess persuni għaliex "*Article 8 cannot be interpreted as imposing an obligation to establish a special regime for a particular category of unmarried couples*"[37]. Il-Konvenzjoni nnifisha tagħti għarfien partikolari għall-istat taż-żwieġ fl-artikolu 12 tagħha, liema għarfien ma tagħtihx lil relazzjoni bejn persuni barra miż-żwieġ u t-trattament li l-Konvenzjoni tagħti lil persuni miżżewġa ma jitqiesx li jgħodd jew imissu jgħodd ukoll għal min ma jkunx f'rabta ta' żwieġ[38]. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tal-intimati meta jgħidu l-Konvenzjoni ma titfa' l-ebda piż fuq l-Istat biex iqis tal-istess kejl iż-żwieġ jew unjoni ċivili reġistrata mar-relazzjoni konkubinali. L-Istat għandu kull jedd li jagħti għarfien partikolari liż-żwieġ jew unjoni ċivili u li ma jagħtix dak l-istess għarfien lil relazzjonijiet ta' fatt oħrajn[39];

Illi għalhekk, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru u taċ-ċirkostanzi fattwali li jsawru l-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma wrietx li n-nuqqas ta' liġi partikolari li tirregola l-effetti ta' t-tmiem ta' relazzjoni konkubinali tikser il-jedd tagħha taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis il-kwestjoni tal-ilment tar-rikorrenti dwar **il-jedd li ma tkunx suġġetta għal trattament diskriminatorju**. Kif ingħad qabel, ir-rikorrenti ssejjes l-azzjoni tagħha dwar din il-kawżali kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni. Għal finijiet

---

[37] Q.E.D.B. (GC) **18.12.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Johnston et vs Irlanda*** (Applik. Nru. 9697/82) §68
[38] H Swindells, A Neaves et Family Law and the Human Rights Act 1998 (1999) §§ 12.32 – 12.36, f'paġ. 251
[39] Q.E.D.B. (GC) **3.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Van der Heijden vs L-Olanda*** (Applik. Nru. 42857/05) §69

prattiċi, il-Qorti sejra tqis flimkien l-ilment kemm taħt l-artikolu 45(3) tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

Illi fl-artikolu 45 il-Kostituzzjoni tgħid li l-ebda liġi ma għandha tagħmel xi dispożizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effetti tagħha[40]. Daqstant ieħor tgħid li ħadd ma għandu jkun trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorita' pubblika[41]. Ikun diskriminatorju kontra dak l-artikolu kull trattament differenti li jingħata lil persuni differenti u li jkun attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn[42]. Tgħid ukoll li l-ebda diskrezzjoni dwar għemil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li xi persuna jkollha skond il-Kostituzzjoni nfisha jew xi liġi oħra ma titqies li tmur kontra l-jedd li dik il-persuna ma ġġarrabx diskriminazzjoni[43];

Illi s-sub-artikolu (1) tal-artikolu 45 ma jgħoddx safejn xi liġi tipprovdi, fost l-oħrajn (i) dwar żwieġ jew (ii) li biha persuni ta' xi waħda mill-kategoriji msemmija fis-sub-artikou (3) jistgħu jkunu suġġetti għal xi inkapaċita' jew restrizzjoni jew jistgħu jingħataw privileġġ jew vantaġġ li, meta jittieħed kont tax-xorta ta' dawn u ta' ċirkostanzi speċjali li jappartjenu lil dawk il-persuni jew lil persuni ta' xi deskrizzjoni oħra bħal dik u ta' kull dispożizzjoni oħra tal-Kostituzjoni, ikun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika[44];

Illi fl-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet kontemplati fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew *status* ieħor;

Illi meta l-Qorti tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni trid tagħmel dan billi żżomm quddiem għajnejha (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali

---

40 Art 45(1)
41 Art. 45(2)
42 Art. 45(3)
43 Art. 45(8)
44 Art 45(4)(ċ)(d)

tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[45]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[46];

Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[47];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex*

[45]Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177
[46] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6
[47] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161

*jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma* *placed in analogous situations*"[48];

Illi r-rikorrenti tgħid li l-fatt li r-relazzjoni tagħha kienet f'kollox tixbah dik bejn żewġ persuni miżżewġin, inissel it-trattament diskriminatorju għaliex, filwaqt li fil-każ ta' persuni miżżewġa li jinfirdu jew li jkollhom iż-żwieġ tagħhom annullat jew xolt, il-liġi tipprovdi b'dispożizzjonijiet partikolari dwar l-effetti ta' dak il-bdil, fil-każ ta' konkubini *more uxorio* l-liġi ma tipprovdix. Biex issaħħaħ l-argument tagħha tirreferi għal deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg f'każijiet li ma jirrigwardawx relazzjonijiet bħalma kienet dik li r-rikorrenti kienet fiha għal bosta snin[49];

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jisħqu li r-rikorrenti naqset li ssemmi taħt liema waħda mill-kawżali tassattivi tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni kienet qiegħda ssejjes l-ilment tagħha[50]. Minbarra dan, jgħidu li kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrenti, jeżisti xkiel fl-artikolu 45(4)(ċ) tal-Kostituzzjoni safejn liġi tipprovdi b'dispożizzjonijiet dwar iż-żwieġ u ma tipprovdix dwar relazzjonijiet barra miż-żwieġ. Huma jżidu jgħidu li l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jirnexxi lanqas taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, għaliex ma ntrabatx ma' ksur ta' jedd ieħor sostantiv tal-istess Konvenzjoni. Huma jgħidu li l-liġi Maltija ma tiddiskriminax ma' persuni f'relazzjoni dwar karatteristika personali tagħhom, imma tagħmel differenza bejn persuni f'rabta magħrufa mil-liġi (żwieġ jew unjoni ċivili) u oħrajn f'rabta mhux regolata mill-istess liġi. Iżidu jgħidu li l-għarfien li tagħti l-liġi huwa marbut mal-ħarsien ta' istituzzjonijiet u għall-istabilita' soċjali u mhux fuq il-bażi tal-orjentament sesswali tal-persuni involuti. Għalhekk itennu li ma hemm l-ebda ksur tal-jedd tar-rikorrenti li ma tkunx mogħtija trattament diskriminatorju;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li taqbel mal-intimati li l-ilment tar-rikorrenti taħt il-Kostituzzjoni mhuwiex mistħoqq. Huwa minnu li l-jedd imħares taħt l-artikolu 45 huwa t-trattament diskriminatorju nnifsu permezz ta' liġi jew permezz ta' xi trattament li wieħed jingħata minn xi ħaddieħor li jkun qiegħed jaġixxi bis-saħħa ta' xi liġi jew fil-qadi ta' funzjonijiet ta' xi kariga pubblika. Imma, kif sewwa jgħidu l-intimati, id-diskriminazzjoni trid tkun taqa' taħt xi waħda mill-irjus imsemmija (b'mod eżawrjenti) fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu. Minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, jidher li l-każ tar-relazzjoni konkubinali li r-rikorrenti kienet fiha ma taqa' taħt l-ebda waħda minn dawk l-irjus;

---

[48] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

[49] Q.E.D.B. **2.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Kozak vs Polonja*** (Applik. Nru. 13102/02) § 98 (li jirrigwarda każ ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' orjentament sesswali fil-qafas ta' relazzjoni extra-maritali bejn persuni tal-istess sess; u Q.E.D.B. **15.3.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Gas & Dubois vs Franza*** (Applik. Nru. 25951/07) § 68

[50] Kost. **25.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Ivan Vella vs Avukat Ġenerali et***

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li ma ntweriex li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-jedd tagħha li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju taħt il-Kostituzzjoni;

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-intimati li l-ilment tar-rikorrenti ma jintrabatx ma' ksur ta' jedd 'sostantiv' taħt il-Konvenzjoni. Diġa' ntwera aktar qabel li l-qagħda tagħha kienet tidħol fil-qafas tal-jedd għat-tgawdija tal-ħajja tal-familja skond l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Madankollu, sew minħabba r-raġunijiet li ssemmew hi u l-Qorti kienet qiegħda tqis l-ilment taħt l-artikolu 8 u kif ukoll minħabba l-fatt li t-tqabbil taċ-ċirkostanzi ta' persuni konviventi *more uxorio* ma jirrigwardax persuni f'qagħdiet analogi. Ir-relazzjoni ta' persuni f'rabta konkubinali ma tistax titqabbel mal-qagħda ta' persuni li jgħixu taħt rabta magħrufa mil-liġi (żwieġ jew unjoni ċivili). L-azzjoni attriċi ma tirrigwardax trattament bejn persuna f'relazzjoni konkubinali ma' trattament mogħti lil persuna oħra f'relazzjoni bħalha, imma tqabbel għamla ta' relazzjoni ma' sura ta' relazzjoni li sa mill-bidu tagħha tgħaddi minn proċess ta' reġistrazzjoni li jagħtiha l-għarfien mill-Istat. Il-Qorti terġa' tgħid li l-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda biss in-nuqqas ta' ħarsien mogħti mil-liġi mat-temm ta' relazzjoni konkubinali;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma wrietx li ġarrbet diskriminazzjoni lanqas taħt l-artikolu 14 marbut mal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti sejra tqis ukoll l-ilment tar-rikorrenti dwar in-**nuqqas ta' rimedju effettiv taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni**. Għalkemm ir-rikorrenti ssemmi dan l-ilment fir-rikors promotur, ma terġa' ssemmih bl-ebda mod fis-sottomissjonijiet tagħha. Madankollu, minħabba li dan huwa l-mertu tat-tieni talba tagħha, il-Qorti hija marbuta li tiddeċidih ukoll;

Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi li "*Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita' nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali*";

Illi l-intimati jgħidu li biex jidħol fis-seħħ l-artikolu 13, l-ewwelnett irid jirriżulta li jkun seħħ ksur ta' xi jedd imħares bil-Konvenzjoni. Fit-tieni lok, iżidu jgħidu li min jallega n-nuqqas ta' rimedju effettiv irid jipprova tabilħaqq li hemm nuqqas bħal dan u li l-liġi ma tagħtix tali rimedju;

Illi bħalma jgħodd fil-każ tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, hekk ukoll fil-każ tal-artikolu 13 huwa aċċettat li "*Article 13 cannot be invoked independently from, but only in conjunction with, one or more of the substantive rights and freedoms of the Convention*"[51]. Minħabba f'hekk, dak l-artikolu huwa meqjus bħala wieħed ta' sura anċillari. Ir-rimedju effettiv irid ikun disponibbli fil-qafas tal-ordinament tal-Istat li fih ikun seħħ il-ksur ta' jedd sostantiv tal-Konvenzjoni. F'rabta ma' allegat ksur tal-artikolu 8, bosta drabi ġara li sejbien ta' ksur taħt dak l-artikolu wassal biex il-Qorti (ta' Strasbourg) ma għaddietx ukoll biex titsħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, b'mod tali li kważi xejjen l-awtonomija tal-istess artikolu u sarrfet l-anċillarita' tiegħu fl-istħarriġ waħdien tal-ksur tad-dritt sostantiv, partikolarment fejn il-ksur kien jikkonsisti fin-nuqqas ta' rimedju mogħti mil-liġi nazzjonali;

Illi l-artikolu 13 jitlob l-eżistenza ta' rimedju effettiv fuq livell nazzjonali li jwassal għall-ħarsien effettiv tal-jeddijiet maħsuba fil-Konvenzjoni u li jagħti lil awtorita' nazzjonali kompetenti s-setgħa kemm li tqis l-ilment tal-ksur tal-jedd konvenzjonali fil-mertu tiegħu u kif ukoll li trodd rimedju effettiv f'każ ta' sejbien ta' ksur[52]. Dan ma jfissirx li r-rimedju mogħti jiggarantixxi tabilfors is-suċċess jew l-eżitu garantit, iżda li jkun wieħed li jista' jintlaħaq bla taħbit kbir u bil-mezzi xierqa disponibbli lill-persuna fil-qafas tas-sistema ġudizzjarju jew amministrattiv nazzjonali; [53]

Illi filwaqt li l-Qorti rriżultalha li r-rikorrenti ma wrietx li ġarrbet ksur ta' xi jedd sostantiv taħt l-ebda wieħed mill-artikoli tal-Konvenzjoni msemmija minnha, hija tal-fehma li jekk persuna għaqlija f'relazzjoni konkubinali trid tabilħaqq tħares il-jeddijiet tagħha kemm qabel u kif ukoll għal wara t-tmiem ta' relazzjoni bħal dik għandha fil-liġi modi u rimedji li tista' tirrikorri lejhom biex tħares l-interessi tagħha. Dawn huma rimedji li l-liġi tagħti lil persuni oħrajn li jkunu b'xi mod iżommu ġid flimkien jew li jirrigwarda ġid li sar bil-ħidma tagħhom ilkoll, u dan bla ma l-għamla tar-relazzjoni li jkunu fiha tkun ta' xkiel għalihom, jew iċċaħħadhom minnhom;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas it-tieni talba tar-rikorrenti ma hija mistħoqqa u ma sejra tilqagħha;

Illi fl-aħħarnett, minħabba l-fatt li l-Qorti ma sabitx ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti ma għandhiex għalfejn tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati. Tgħid biss li din l-eċċezzjoni tressqet safejn l-azzjoni tar-rikorrenti jidher li ssejset fuq il-mod kif xi sentenzi tal-Qrati ta'

[51] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit. (4th Edit, 2006), § 32.2. 1, f'paġ. 998
[52] Q.E.D.B. (GC) **4.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rotaru vs Rumanija*** (Applik. Nru. 28341/95) § 67
[53] Q.E.D.B. **24.10.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Baklanov vs Ukrajna*** (Applik. Nru. 44425/08) § 117

Malta jħarsu lejn il-konkubinat: l-intimati jgħidu li ħadd minnhom ma jirrappreżenta lill-Qrati Maltin u għalhekk imisshom jinħelsu milli jibqgħu aktar fil-kawża;

Illi l-Qorti tqis li l-azzjoni attriċi mhijiex waħda fejn ir-rikorrenti tilminta minn ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha minħabba l-mod kif il-Qrati ta' Malta iqisu l-qagħda tal-konkubini, imma minħabba li l-Istat Malti naqas li jilleġisla biex jirregola x'jiġri meta tintemm relazzjoni bħal dik. Il-Qorti hija marbuta li tqis l-azzjoni fuq dak li hu minnha mitlub u mhux biss fuq x'jista' jkun argumentat fil-premessi tal-att ġudizzjarju li fih isiru t-talbiet;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, il-kwestjoni ta' min jidher għall-Istat Malti b'għadd ta' deċiżjonijiet u bla ma ttawwal wisq jidher li, safejn jirrigwarda wħud mill-intimati, l-eċċezzjoni kienet tajba u n-nota kjarifikatorja mressqa mir-rikorrenti[54] ma tikkonvinċix għal kollox lill-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi r-rikorrenti ma wrietx li ġarrbet ksur ta' xi jedd tagħha kif imħares bl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jew bl-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tieni talba attriċi** billi ma ssibx li r-rikorrenti ġarrbet ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu** tal-intimati; u

**Tordna** li r-rikorrenti tħallas l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**20 ta' Ottubru, 2015**

**Carmen Scicluna - Deputat Registratur**
**20 ta' Ottubru, 2015**

[54] Paġġ. 49 sa 51 tal-proċess